MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2011

Rikors Numru. 547/2011

**36GAMING LIMITED**

vs

**PANAVIK GAMING LIMITED** u Bellnet Limited għal kull interess li jista' jkollha

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-8 ta' Ġunju, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpanniji rikorrenti Panavik Gaming Limited u Bellnet Limited (aktar 'il quddiem imsejħin "l-eżekutati") talbu li din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella l-Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmi, għall-

finijiet tal-artikoli 836(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta’ Ġunju, 2011, li bih ordnat in-notifika lill-intimata eżekutanti 36Gamning Limited u tatha żmien biex tressaq in-Nota bi tweġiba tagħha għall-imsemmija talba;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata eżekutanti fil-21 ta’ Ġunju, 2011, li biha laqgħet għat-talba tal-eżekutati billi, b’punt preliminari, qalet li r-rikors ma jiswiex għaliex ma tressaqx fl-atti tal-kawża li tressqet minnha wara li nħareġ il-Mandat li tiegħu issa qiegħed jintalab it-tħassir u wkoll billi t-talba għat-tħassir tal-Mandat hija l-mertu ta’ eċċezzjoni mqanqla mill-kumpannija rikorrenti eżekutata Panavik Gaming Limited fl-atti tal-kawża li tressqet wara l-ħruġ tal-Mandat, u għalhekk is-siwi ta’ dik l-eċċezzjoni jrid jitqies mill-Qorti li quddiemha tressqet il-kawża u mhux minn din il-Qorti li quddiemha tressaq ir-rikors għat-tħassir tal-Mandat. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-ebda waħda mill-kawżali li fuqhom jinbena r-rikors tal-eżekutati ma tgħodd għall-każ, u dan peress li l-azzjoni li hija fetħet wara li nħareġ il-Mandat saret sewwasew biex jitħares il-jedd kawtelat f’dak il-Mandat, u mhux biss sabiex iġġedded għal dejjem l-istess Mandat;

Rat l-atti tar-Rikors u tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi r-Rikors tal-lum;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Ir-rikorrenti eżekutati jridu li jitneħħew l-effetti ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni maħruġ kontrihom mill-eżekutanti fit-23 ta’ Diċembru, 2010;

Illi r-raġunijiet imressqin mir-rikorrenti eżekutati huma: (a) li l-att kawtelatorju m’għadux aktar fis-seħħ u (b) li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m’għadhiex fil-fatt teżisti;

Illi l-eżekutanti jfissru li l-ewwel kawżali semmewha għaliex l-eżekutanti ma fetħitx (fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi wara l-ħruġ tal-Mandat attakkat[1]) kawża biex tmexxi 'l quddiem il-pretensjonijiet tagħha dwar il-jedd *prima facie* li fuqu talbet il-ħruġ tal-Mandat. Huma jtennu li, għalkemm l-eżekutanti tassew fetħet kawża fiż-żmien wara li ntlaqgħet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat, dik il-kawża ma kenitx titkellem dwar il-"jedd imsemmi fil-Mandat". Minbarra dan, fil-konfront tal-eżekutata Bellnet Limited, l-eżekutanti qatt ma mexxiet b'kawża. It-tieni kawżali rabtuha mal-ewwel waħda;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[2]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi minn <u>dak li jirriżulta mill-atti</u> u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat relattiv inħareġ dwar pretensjoni maħsuba li "żżomm l-intimat milli jieqfu jużaw (*sic!*) direttament u/jew indirettament prodott tas-*software* (jew kwalunkwe parti minnha) tar-rikorrenti u/jew kopji tal-istess *software* (jew kwalunkwe parti minnha) kif ukoll jieqfu jużaw kull proprjeta' intellettwali oħra (jew kopji tal-istess) tas-soċjeta' rikorrenti u/jew milli joffru jew jipprovdu kull tip ta' servizz illi jaħdem permezz jew juża l-istess *software*, proprjeta' intellettwali jew kopji tal-istess". Tali pretensjoni toħroġ minn xilja ta' ksur ta' drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tal-eżekutanti mill-imsemmija eżekutati. Il-Mandat għall-ewwel intlaqa' b'mod provviżorju, u mbagħad definittivament fit-23 ta' Diċembru, 2010. Il-kawża dwar il-pretensjoni tad-dritt imħares bil-Mandat infetħet mill-eżekutanti fil-11 ta' Jannar, 2011[3]. Iżda ġimgħa qabel ma t-talba tal-ħruġ tal-Mandat kienet intlaqgħet, l-eżekutanti kienet fetħet kawża oħra bil-

---

[1] Skond l-art. 843(1) tal-Kap.12

[2] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***

[3] Rik. Nru. 20/11LFS

proċedura sommarja speċjali biex titlob il-kundanna ta' ħlas ta' ammont ċert hemm pretiz[4];

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ. L-ewwel ma jmissha tistħarreġ huma ż-żewġ "eċċezzjonijiet preliminari" mqajmin mill-eżekutanti. L-ewwel waħda hi dwar in-nuqqas ta' siwi tar-rikors minħabba li ma tressaqx f'isem il-kawża li nfetħet wara li nħareġ il-Mandat, iżda fl-atti tal-istess Mandat; it-tieni waħda hi li m'għandhiex tkun din il-Qorti li tqis ir-rikors, imma l-Qorti kif presjeduta mill-imħallef li quddiemu qiegħda tinstema' l-kawża;

Illi dwar l-ewwel preġudizzjali, l-Qorti ma tqisx li din hija tajba. Ingħad kemm-il darba li l-kwestjoni tas-siwi ta' att ġudizzjarju ma tridx tittieħed bħala skuża biex proċedura titwaqqaf għal xejn b'xejn. L-eċċezzjoni tan-nullita' tal-atti ġudizzjarji hija maħsuba biex iżżomm il-mixi 'l quddiem ta' att ġudizzjarju biss fiċ-ċirkostanzi speċifiċi maħsuba fl-artikolu 789 tal-Kodiċi. Fuq kollox, biex tintlaqa' eċċezzjoni bħal dik (speċjalment meta din titkellem dwar nuqqas fil-forma tal-att li jkun) irid jintwera li, b'dak in-nuqqas, il-parti li kontra tagħha jkun tressaq dak l-att tkun ġarrbet ħsara li ma tistax tissewwa mod ieħor jekk mhux bit-tħassir tal-att;

Illi, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ma hemmx iċ-ċirkostanzi li jwasslu għal din is-sanzjoni qalila. Dan qed jingħad għal bosta raġunijiet. Fl-ewwel lok, imkien fil-liġi ma jingħad kif għandu jkun intestat rikors imressaq biex jitlob it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Fit-tieni lok, l-"okkju" tar-rikors imressaq mill-eżekutati fih tagħrif meħtieġ u komprensiv li bih wieħed jista' jagħraf għal liema rimedju l-istess rikorrenti qegħdin jimmiraw. Fit-tielet lok, l-intimata eżekutanti ma wrietx kif, bl-allegat nuqqas ta' ħarsien tal-forma tal-att, hija ġarrbet jew qiegħda ġġarrab xi ħsara li tellfitha milli tiddefendi ruħha kif imiss għat-talbiet tar-rikorrent. Fir-raba' lok, iċ-ċirkostanza msemmija mill-eżekutanti m'hijiex waħda li ġġib in-nuqqas ta' siwi (nullita') tal-att, iżda waħda li tiftaħ

[4] Rik. Nru. 1294/10JRM

għar-rimedju mogħti mil-liġi taħt l-artikolu 792 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, li kieku l-istess eżekutanti riedet tinqeda bih sa mill-bidu;

Illi għalhekk, il-Qorti qiegħda twarrab din l-“eċċezzjoni preliminari” tal-intimata eżekutanti;

Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni preġudizzjali, l-eżekutanti tgħid li din il-Qorti ma tistax tqis il-kawżali li fuqhom l-eżekutati jsejsu t-talba tagħhom, għaliex dik il-kawżali hija l-mertu ta’ eċċezzjoni preliminari mqanqla mill-eżekutati nfushom fl-atti tal-kawża u li dwarha l-Qorti li quddiemha miexja dik il-kawża għadha trid tiddeċiedi;

Illi din il-Qorti tqis li, fid-dawl ta’ dak li semmiet qabel, fi proċedura bħal din il-Qorti m’għandhiex tintalab u lanqas m’għandha tagħti xi provvediment li b’xi mod jorbot idejn jew jindaħal fid-diskrezzjoni jew fis-setgħat mogħtija lill-Qorti li tkun qiegħda tisma’ l-kawża fil-mertu.  Sa hawn l-eżekutanti tgħid tajjeb, u din il-Qorti m’hijiex fi ħsiebha tiddetermina xi kwestjoni li taqa’ fis-setgħat li hija vestita bihom il-Qorti li quddiemha għadha qiegħda tinstema’ l-kawża.  Huwa sewwasew minħabba f’hekk li l-leġislatur ried li, kemm jista’ jkun, rikors bħal dan jitressaq quddiem “il-qorti li tkun qiegħda tittratta dik il-kawża”.  Mhux hekk biss, din il-Qorti hija tal-fehma li wkoll kieku kienet hi kif presjeduta li qiegħda tisma’ l-kawża fil-mertu bejn il-partijiet, ma kinitx tidderimi l-kwestjoni fl-atti ta’ rikors bħal dan, iżda kienet tħalli l-kwestjoni għas-sentenza jew deċiżjoni tagħha kif imqanqla b’eċċezzjoni fil-kawża, imqar jekk (fid-dawl tal-artikolu 836(5) tal-Kap 12) minħabba r-rimedju disponibbli lill-parti aggravata;

Illi sa dawn il-limiti, il-Qorti sejra tiċħad il-kawżali dwar il-kwestjoni jekk l-eżekutanti segwietx tassew il-proċedura u fetħet il-kawża dwar il-jedd imħares bil-Mandat fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi,  u tħalliha impreġudikata biex taqtagħha l-Qorti li quddiemha qiegħda tinstema’ l-kawża.  M’hijiex qiegħda tgħid, b’daqshekk, li l-eżekutati m’għandhomx raġun jew li l-eżekutanti naqset b’xi mod;

Illi, madankollu, safejn it-talba tal-eżekutati titkellem dwar nuqqas ta’ ftuħ ta’ kawża fiż-żmien mogħti wara l-ħruġ tal-Mandat fil-konfront tal-eżekutata Bellnet Limited, din il-kwestjoni tista’ u sejra tkun mistħarrġa minn din il-Qorti, għaliex hija ċirkostanza li wieħed jista’ jqisha mad-daqqa t’għajn;

Illi taħt din il-kawżali, Bellnet tgħid li, minkejja li hija kienet waħda mill-partijiet intimati fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni, l-eżekutanti baqgħet qatt ma ħarrkitha fl-ebda waħda miż-żewġ kawżi li fetħet dwar il-każ. Dan huwa minnu u joħroġ ċar minn qari tal-“okkju” tal-imsemmija kawżi. Il-Qorti tosserva li l-eżekutanti ma tkellmet xejn dwar din iċ-ċirkostanza fin-Nota tagħha u ma jidhirx li tmieri dan il-fatt;

Illi ladarba huwa hekk, jiġi li tirriżulta mistħoqqa t-talba tal-imsemmija eżekutata Bellnet Limited u jfisser ukoll li l-effetti tal-Mandat imsemmi fil-konfront tagħha waqgħu u ntemmu u għalhekk dak il-Mandat m’għadux fis-seħħ dwar dik il-parti eżekutata;

Illi l-Qorti sejra tilqa’ t-talba ta’ dik l-eżekutata biex tordna formalment it-tħassir tal-Mandat;

Illi dwar it-tieni kawżali (dik taħt l-artikolu 836(1)(b) tal-Kap 12), jingħad li l-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista’ toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta’ dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta’ dritt, (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta’ tal-persuna li tkun talbitu. Mill-bqija, ladarba fil-każ tal-lum iċ-ċirkostanzi ta’ din il-kawżali jinbnew fuq dawk tal-ewwel waħda, jgħoddu l-istess konsiderazzjonijiet li saru aktar ’il fuq;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrenti eżekutati billi:

**Tilqa' t-talba** biss fir-rigward tal-eżekutata Bellnet Limited u tordna t-tħassir tal-Mandat fir-rigward ta' dik il-kumpannija;

**Tiċħad it-talba** fir-rigward tal-kumpannija eżekutata Panavik Gaming Limited; u

Tordna li **l-ispejjeż ta' din il-proċedura** jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, it-28 ta' Lulju, 2011.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------